*26 ta' Settembru, 2010*

107/2010

**KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TA' L-IKLIN**

L-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. ħatar lil Dun Keith Bonniċi bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' l-Iklin.

Dun Keith Bonniċi, mill-Ħamrun, twieled fl-1 ta' Novembru 1970. Huwa attenda l-iskola ta' Stella Maris, Ħal Balzan u s-Seminarju Minuri, Rabat. Huwa għadda għoxrin sena fl-Iskozja fejn għex ħajja monastika għal ħdax-il sena. Ġie ordnat saċerdot fis-6 ta' Novembru 1995. Għal disa' snin kien Kappillan fil-Highlands Skoċċiżi u mbagħad fil-Ġżejjer Shetland fin-naħa ta' fuq ta' l-Iskozja. Huwa ġie lura Malta tliet snin ilu. Dun Keith Bonniċi serva fil-Parroċċa ta' Ħal Lija u bħala Rettur tal-Knisja tal-Mirakli. Huwa kien ukoll *Chaplain* f'St Edward's College, il-Birgu.

Dun Keith Bonniċi se jieħu post Monsinjur Karm Aquilina, l-ewwel Kappillan tal-Iklin, li ilu jservi f'din il-parroċċa għal dawn l-aħħar 15-il sena. Monsinjur Aquilina nħatar Monsijur effettiv tal-Katidral ta' Malta.

Il-parroċċa ta' l-Iklin twaqqfet fis-sena 2005 u tiġbor fiha madwar 3,200 persuna f'950 familja.